Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Numru. 704/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Martin Costa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Martin Costa ta' 34 sena, bin Carmelo Costa u Violetta Debattista, imwieled nhar il-5 ta' April 1974, residenti Eden Lodge, Triq San Gwann, Ghargur u detentur tal-karta tal-identita' numru 202574(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-14 ta' Gunju 2008, ghall-habta ta' 4.00pm, gewwa l-bajja tal-Mistra limiti tal-Mellieha volontarjament ikkommetta hsara volontarja fuq radio controlled power

boat u nuccali tal-vista ghad-dannu ta’ Jonathan Bugeja liema hsara teccedi l-116.47 euros (Lm50) u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-istess Jonathan Bugeja sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmillu l-hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-imsemmija vittmi billi f’ kaz ta’ htija torbot taht garanzija lill-imputat taht somma ta’ flus u perjodu li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Lulju 2008 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ fl-14 ta’ Gunju 2008 ghall-habta tal-4.00pm fil-bajja tal-Mistra fejn l-imputat Martin Costa flimkien mal-parti civili Jonathan Bugeja u ma’ tnejn min-nies ohra, Pawlu Attard[1] u Jean

[1] Li xehed waqt l-udjenza tal-24 ta’ Settembru 2009.

Claude Carabott[2] kienu qed itelqu d-dghajjes/catamarans operati permezz tar-remote controls. Mill-provi rrizulta li dawn l-erba' rgiel kienu ta' spiss jiltaqghu ghal dan il-ghan ghaliex kellhom l-istess delizzju u rrizulta wkoll li fil-gurnata in dizamina Pawlu Attard kien ser jitlaq qabel it-tlieta l-ohra ghaliex kellu xi mpenn iehor u kien diga' ghabba d-dinghy li kienu juzaw sabiex jirkupraw id-dghajjes meta dawn jieqfu fil-bahar fuq il-vettura tieghu. Meta huwa kien ser jitlaq minn fuq il-post waqfet id-dghajsa tal-imputat u Attard offra li jerga jnizzel id-dinghy sabiex l-imputat jirkupra d-dghajsa izda dan tal-ahhar qallu li ma kienx hemm ghalfejn ghaliex kien ser jghum u jmur igib id-dghajsa. Minn dan l-istadju l-quddiem ma hemmx qbil dwar x'effettivament gara. Il-parti civili Jonathan Bugeja[3] jghid li l-imputat qabad u nizel il-bahar u dahal fit-trajettorja tad-dghajsa operata minn Bugeja minghajr ma tah cans itella d-dghajsa fuq l-art sabiex b'hekk l-imputat intlaqat minn din id-dghajsa. Bugeja jsostni li huwa beda' jghid lill-imputat li r-remote ma kienx qed jirrispondi ghall-ordnijiet minnu moghtija. Huwa qal li meta l-imputat intlaqat mid-dghajsa huwa beda' joffendi lil Bugeja, beda' jaghti bil-ponn fuq id-dghajsa u mbaghad tefaghha fuq il-blat fejn din sarilha hsara kbira. Bugeja jghid ukoll li huwa beda' jitfa' caghaq zghir fid-direzzjoni tal-imputat sabieix iwaqfu milli jkompli jaghmel hsara fid-dghajsa izda dan tela' mill-bahar u mar fid-direzzjoni tieghu u beda' jxejjirlu bil-ponn u jiggieled mieghu fejn imbaghad kellhom jintervjenu Attard u Carabott sabiex iferquhom.

L-imputat min-naha l-ohra kemm meta xehed waqt l-udjenza tas-7 t'April 2011 kif ukoll meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 20 sa 22 tal-atti processwali jghid li huwa kien avza lil Bugeja qabel ma'nizel fil-bahar li kien ser jaghmel hekk izda dan tal-ahhar baqa' ma tellghax id-dghajsa u meta huwa nizel ra d-dghajsa ta' Bugeja gejja minn warajh ma'genbu u meta din waslet hdejh ghal xi raguni dahlet fih, laqtitu fil-warrani biz-zewg ponot ta' quddiem taghha  u kkagunatlu ferita fejn kellhom isirulu xi

[2] Li xehed  waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar 2010
[3] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2010.

punti. Huwa jsostni li f'dak il-mument li ntlaqat nehha d-dghajsa minn mieghu u ramiha lejn l-art. Huwa jghid li Bugeja beda' joffendih u jitfalu l-gebel u meta tela' fuq l-art huwa agredih u beda jaghtih bis-sieq u bil-ponn sakemm intervjena Pawlu Attard sabiex iferraqhom. L-imputat qal ukoll li huwa sofra griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza ta' dan l-incident.

Ikkunisdrat:

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-partijiet f'dan il-kaz u tinsab rinfaccjata b'kunflitt fil-provi liema kunflitt ihalli dubji serji dwar ir-raguni li l-imputat agixxa b'dak il-mod fil-mument li huwa waddab id-dghajsa tal-parti civili fuq l-art u kkagunalha hsara. Il-Qorti jidrilha li jezisti dubju rejali u fondat li l-imputat effettivament irreagixxa b'mod spontanju u naturali fil-mument li ntlaqat bid-dghajsa u wegga' billi qala' l-istess dghajsa minn mieghu u waddabha l-boghod minnu. Dan ifisser li l-hsara minnu kagunata ma kinitx volontarja jew intiza bhala ritaljazzjoni izda reazzjoni istintiva ta' bniedem milqut minn xi haga li qed twegghu u cioe dik li jnehhiha u jallontanha minnu. Li kieku mill-provi rrizulta li l-imputat waddab u kisser id-dghajsa mhux immedjatament malli gie milqut izda wara li tela' mill-bahar u wara li gie agredit u attakkat mill-parti civili, l-Prosekuzzjoni kienet tkun gustifikata li tikkontendi li l-imputat ikkaguna l-hsara volontarjament u bhala ritaljazzjoni ghal dak li gralu izda fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat ikkaguna l-hsara fid-dghajsa billi immedjatament malli din laqtitu huwa qabadha u waddabha lejn l-art. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni (1) migjuba fil-konfronti tieghu.

Rigward it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni, d-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni trimestrali ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali u stante li mill-atti processwali ma' jirrizultax li l-imputat effettivament gie notifikat bic-charge sheet entro t-tlett xhur mid-data tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza. Il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputat in kwantu jirrigwarda t-

tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni. Wara li rat l-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputat in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiddikjara dawn l-imputazzjonijiet bhala preskritti u konsegwentement estinti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------